MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 246/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma s-segwenti fatti li jaf bihom personalment:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-27 ta' April, 1996 fir-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt Valletta;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla bl-isem ta' X li twieldet nhar id-19 ta' Lulju, 1997;

3. Illi kien fi stadju kmieni ħafna fiż-żwieġ, jiġifieri madwar ftit xhur wara, illi l-partijiet iltaqgħu ma' problemi serji fiż-żwieġ tagħhom. Dawn wasslu għal proċeduri ta' separazzjoni u l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin *ai termini* ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina tas-7 ta' April, 2004;

4. Illi *inoltre*, il-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, u dan kif ipprovdut fl-Artiklu 19(c) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens ta' l-intimat kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan kif ipprovdut fl-Artiklu 19(d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi *inoltre* l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'anomalija psikoloġika serja li rrendietha impossibbli għall-istess partijiet illi jaqdu d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ *ai termini* ta' l-Artiklu 19(d) tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' xi wieħed mill-iktar elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u dan *ai termini* ta' l-Artiklu 19(f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar is-27 ta' April, 1996 huwa null u bla effett skond il-liġi.

Għaldaqstant, ir-rikorrent A jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara u tiddeċiedi li *ż-żwieġ* iċċelebrat mill-kontendenti fis-27 ta' April, 1996 huwa, għar-raġunijiet fuq premessi, null u bla effett skond il-liġi *ai termini* ta' l-Artikli 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u

sussegwentement tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fil-5 ta' Lulju, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat is-segwenti fatti magħrufa minnha personalment:

1. Illi l-intimata tikkonferma li hija żżewġet lir-rikorrent A fis-27 ta' April, 1996 u li miż-żwieġ ta' bejniethom twieldet binthom X fid-19 ta' Lulju, 1997;

2. Illi hija ta' nazzjonalita' Ingliża u żewġha naturalment jaf sewwa ħafna li ma titkellimx bil-Malti minkejja li dawn il-proċeduri ġew intavolati bil-Malti;

3. Illi l-intimata teċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża peress illi la qatt kien hemm xi forma ta' qerq kif previst mill-Artiklu 19(1)(c) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta min-naħa tagħha, la kien hemm xi difett serju li seta' vvizzja l-kunsens ta' l-intimata *ai termini* ta' l-Artiklu 19(1)(d) ta' l-istess Kapitlu 255 u wisq anqas ma kien tali kunsens ivvizzjat minn anomalija psikoloġika serja jew b'esklużjoni pożittiva ta' l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa skond l-Artikli 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 kif allegat mir-rikorrent żewġha;

4. Illi l-uniku skop li għalih ġew intavolati dawn il-proċeduri huwa sabiex eventwalment ir-rikorrent ikun jista' jiżżewweġ lis-sieħba attwali tiegħu bit-tama li jkun *ħeles* kompletament mid-doveri matrimonjali tiegħu u jabbanduna kompletament lill-intimata u lil binthom X;

5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-intimata m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, l-intimata teċċepixxi bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li:

1. It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi qatt ma ssussistew dawk l-elementi ta' vizzju tal-kunsens jew ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju tal-partijiet *ai termini* ta' l-Artiklu 19(1)(c), (d) u (f) kif imsemmija fir-rikors promotorju.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent A illi minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur u ta' ohrajn.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1996 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta għalkemm opponiet għat-talba ma ressqitx provi.

Madankollu kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw*

*malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – kunsens miksub bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew element essenzjali tiegħu.

Mill-provi mressqa l-Qorti jidhrilha li dan iż-żwieġ falla kważi mill-ewwel u dan ġara għal diversi raġunijiet. Madankollu l-provi mressqa mill-attur ikunu relevanti biss f'kawża ta' separazzjoni u mhux f'waħda ta' annullament. Il-Qorti in fatti ma rriskontratx raġunijiet valida biex iż-żwieġ jiġi annullat, ħlief ir-referenza fix-xhieda ta' l-attur li l-konvenuta kellha l-vizzju tax-xorb. Madankollu wkoll hija allegazzjoni mhux korroborata biżżejjed bi provi konvinċenti u billi l-partijiet anke għexu flimkien qabel iż-żwieġ l-attur kien missu kien jaf b'dan id-difett. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Kawżali ta' l-attur hija, fost oħrajn, in-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs

Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995): "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li, kif *gia'* ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija mingħajr ma ntebħu li ż-żwieġ ma seta' qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Mid-deposizzjonijiet ta' l-attur u tax-xhieda li ressaq, il-Qorti ma tħossx illi għandha biżżejjed provi biex tilqa' t-talba attriċi.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------